# Minuti tal-ħdax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Il-ħdax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 6 ta' April, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Il-Viċi *Chairperson*, is-Sur Norman Clews ippreseda l-laqgħa.

## Item 1 – Attendenza u Apologiji

Preżenti kienu l-Viċi *Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista kienet skużata.

## Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-għaxar laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li giet issekondata mis-Sur Farrugia.

## Item 3 - Korrispondenza

Dwar l-ittra li l-Kumitat kien kiteb biex titqassam lir-residenti dwar is-sistemi tal-*One Way*, il-Kumitat qabel mal-kontenut ta' din l-ittra u li din il-korrispondenza għandha tintbgħat fil-jiem li ġejjien.

## Item 4 - Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius semma l-bżonn li jitneħħa l-arblu mingħajr użu li hemm fi Triq in-Naħla ma Triq San Leonardu.

Huwa saħaq ukoll dwar il-ħtieġa li tiġi spustjata bozza li hemm fuq ġewwa ta' residenza fi Triq il-Marżebb ma Triq il-Werżieq u din titwaħħal ma arblu li hemm fi Triq il-Marżebb.

Is-Sur Luciano Farrugia tkellem dwar il-*bus shelter* li twaħħal fi Triq San Leonardu u qal li minbarra l-fatt li l-*bus shelter* il-ġdida twaħħal f'post pjuttost perikoluż, il-*bus shelter*

il-qadim tħalla fil-post u issa hemm żewġ *bus shelters* viċin xulxin.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jsiru l-kumplament tal-*parking bays* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel, Triq il-Berbis u f'toroq oħra fil-viċinanzi.

Is-Sur Farrugia qal ukoll li d-dgħajsa li tħalliet fi Triq il-Berebis għadha ma tneħħietx.

Fl-aħħar nett is-Sur Bartolo talab li jiġi rranġat il-ħajt li hemm fi Triq il-Berebis u li jsir xi forma ta' lqugħ biex dan il-ħajt ma jibqax jintlaqat mis-sewwieqa.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-tnax-il laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2011.

Norman Clews
Viċi *Chairperson*

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

12 ta’ April 2011

**Kumitat Amministrattiv St Peter’s**

Għeżież Chairperson / Membri

Nixtieq ninfurmakom illi t-tnax il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter’s ser issir nhar l-Erbgħa, 27 ta’ April, 2011 fis-6.00 ta’ filgħaxija fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

**Agenda**

1) Attendenza u Apoloġiji
2) Approvazzjoni tal-Minuti
3) Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti
4) Korrispondenza
5) Affarijiet Oħra

Niringrazzjak u nselli għalik

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv